MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 208/2004

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati b' digriet tat-28 ta' Gunju 2005 biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewwgu civilment fis-6 ta' Mejju 2000.

Billi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Billi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll bin-nuqqas ta' kapacita' ta' xi wiehed mill-kontraenti li jassumi l-obbligi matrimonjali;

Billi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra;

Billi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Billi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg civili li sar bejn il-kontendenti fis-6 ta' Mejju 2000 huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza, u ghalhekk rriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha ma' l-assenti C B huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [b][d][c] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi, u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizulta sodisfacentement provat li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Mejju 2000, meta allura l-attrici kellha 18 il-sena u l-konvenut, ta’ nazzjonalita’ Libjana, kellu circa 30 sena; u dana wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa erba xhur.  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi kien il-konvenut li ghaggel lill-attrici sabiex tiehu l-pass u tizzewweg lilu fi zmien daqshekk qasir. F’dak il-perijodu huwa kien gentili maghha u kien weghda li ser jixtri post fuq isem it-tnejn u hi tkun proprjetarja mieghu. L-attrici accettat u sar zwieg civili. Wara ftit xhur taz-zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut kellu l-marda tal-Hepatitis C u ghalhekk, fuq parir mediku, kienu qadu lura milli jkollhom tfal. Wkoll ftit taz-zmien wara z-zwieg il-konvenut beda jgib ruhu hazin ma’ l-attrici b’komportament abbusiv fil-konfront taghha li kien jikkonsisti kemm fi vjolenza morali f’ forma ta’ theddid kif ukoll fi vjolenza fisika. Huwa kien jibqa’ barra tard bil-lejl, kien jidhol fis-sakra u kien ipejjep il-haxixa. Sadanittant huwa ma kienx jahdem u l-attrici bl-impieg taghha kienet izzomm kemm lilu kif ukoll lill-ommu. Sussegwentement wara circa sentejn zwieg l-attrici ma felhitx tkompli tghix il-hajja mal-konvenut u tigi b’dak il-mod abbuzata minnu, u ghalhekk sseparat minn mieghu de facto.

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa f’ dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat. Il-Qorti hija konvinta li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja matrimojali ma’ l-attrici bazata fuq l-obbligi derivanti minn unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal konvivenza bazata fuq il-ben essere reciproku, prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied; imma huwa kellu biss l-intenzjoni li permezz taz-zwieg ma’ mara Maltija jkun jista’ jibqa’ jghix f’ Malta. Il-provi juru bic-car li l-ghoti tal-kunsens matrimonjali da parti tieghu kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.

Inoltre, il-fatt mhux kontraddett li huwa kien konxju tal-marda li kellu, u li heba l-ezistenza taghha mill-attrici

qabel iz-zwieg, juri bic-car il-mala fede tieghu u l-ingann prattikat minnu fil-konfront taghha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti  hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta' l-Artikolu 19[1][f] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili kuntrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Mejju 2000 huwa null u bla effett fil-ligi.

L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------